MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 165/2008

**AX Construction Limited (C-17438)**

**-vs-**

**Agius Marble Works Limited (C-12292)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fil-15 ta’ Frar 2008 li jghid hekk –

“ 1. ILLI l-iskop ta’ din il-procedura hija li jigi dikjarat u deciz illi s-sentenza deciza finalment mill-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2007, Dok “A” ittiehdet bi frodi u giet deciza fuq provi li permezz ta’ din is-sentenza qed jigi mitlub li jigu dikjarati foloz, u dan fit-termini ta’ l-artikolu 811 (a) u 811 (j) tal-Kodici ta’ Procedura Civili; l-iskop ta’ l-azzjoni prezenti hija illi tintalab f’kaz ta’ ezitu pozittiv ta’ dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet mitluba jew wahda

minnhom ritrattazzjoni tas-sentenza fuq indikata fit-termini ta’ l-artikolu 811 (1) u 818 tal-Kap 12 ;

2. ILLI rrizulta illi l-qerq u li l-provi huma foloz wara x-xhieda moghtija *in extenso* mill-Perit Keith Yoemans f’seduta quddiem il-Perit Tekniku l-AIC Godwin Abela fis-16 ta’ Novembru 2007, Dok “B” u allura din il-procedura qed issir konsegwenti ghall-fatti u informazzjoni li saret taf bihom l-esponenti u gew a konoxxenza taghha f’dik is-seduta tas-16 ta’ Novembru 2007 ; ghal kull buon fini jigi dikjarat illi z-zewg kapi huma diversi u distinti ghalkemm naxxenti mill-istess fatti u ghalhekk iz-zewg kapi huma independenti u qed jintalab li jirnexxu wahda indipendenti mill-ohra ;

3. ILLI l-bazi ta’ din ir-ritrattazzjoni hija l-provi godda li rrizultaw waqt is-smigh ta’ kawza ohra li l-fatti huma essenzjalment konsimili: il-kawza l-ohra attwalment pendenti hija Cit 1887/01 Agius Stone Works Limited vs AX Construction Limited attwalment pendenti quddiem il-Qorti; il-fatti jirreferu ghal appalt fuq Scamps Palace, Vittoriosa li kienet hadet is-socjeta’ AX Construction Limited u tat zewg subappalti lis-socjetajiet Agius Stone Works Limited u Agius Marble Works Limited; l-ewwel Qorti qaghdet interieament fuq ix-xhieda tal-Perit Keith Yoemans. L-esponenti fil-mori ta’ l-Appell fil-kawza 1886/01 GCD waslitlu informazzjoni illi l-Perit Yoemans kellu relazzjoni professjonali partikolari mal-grupp ta’ socjetajiet Agius Marble/Stone Works, tant illi kien intavola Rikors quddiem il-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Marzu 2005 fejn kien intalab a bazi ta’ dan li jinstema’ l-Perit Yoemans; jidher illi l-Qorti ta’ Appell aktarx bi zvista ma kenitx ipprovdiet fuq dan ir-Rikors u baqa’ bla digriet sal-jum ta’ smigh. Fis-smigh ta’ l-Appell, kien prezenti s-Sur Rosario Agius u kienet saret dikjarazzjoni mill-abbli difensur tas-socjeta’ attrici appellata “illi l-Perit Keith Yoemans qatt ma kellu relazzjoni la bhala konsulent u lanqas bhala impjegat ma’ Agius Marble Works Ltd izda jista’ jkun li dak iz-zmien kien ghadu kif beda relazzjoni ma’ Agius Stone Works Ltd. fis-sens li bhal ma jkunu nvoluti Periti ohra fuq progetti ta’ restawr li jkollha din il-kumpanija gieli kien ikun involut hu wkoll”; l-esponenti biex tikkopera u tenut kont ta’ min kien

qiegħed jagħmel id-dikjarazzjoni, qagħdet fuq id-dikjarazzjoni ta' l-istess konsulent legali u ma nsistietx; Konsegwentement l-Onorabbli Qorti t'Appell astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-konvenut appellant tat-22 ta' Marzu 2005 ;

4. ILLI l-esponenti minkejja li hadet il-kelma ta' Rosario Agius u l-abbli difensur tas-socjeta' intimata dwar ir-relazzjoni tal-Perit Yoemans baqghet bis-suspett izda minghajr prova li d-dikjarazzjoni ma kenitx wahda kompleta u veritiera; ir-rilevanza hija illi l-fatt illi l-Perit Yoemans fil-fatt u bil-kontra tad-dikjarazzjoni tas-socjeta' intimata, kien konsulent mill-qrib u dan kien fattur li messu kien a konjizzjoni tal-Qorti meta taghmel il-valutazzjonijiet taghha dwar l-attendibilita' tal-provi prezentati ;

5. ILLI l-Perit Yoemans xehed fis-seduta, kopja certifikata tax-xhieda esebita Dok "A" illi "*Nghid illi Agius Group huma klijenti ewlenin tieghi jew major clients tieghi, lilhom niddedika part jew major part tal-hin tieghi professjonali. Qatt ma kont impjegat maghhom pero' mmur l-ufficcju tal-klijent biex jithallas imma m'ghandi ebda bazi hemm ... Mistoqsi hemmx xi raguni li dan il-fatt illi ghandi relazzjoni ta' major client ma harigx qabel fid-deposizzjoni tieghi, nghid illi jien ma narax illi din hija haga rilevanti u kulhadd jaf li nahdem maghhom u cioe' huma klijenti tieghi ...*" ;

6. ILLI l-prova falza tikkonsisti illi dan il-fatt mhux gie zvelat izda addirittura quddiem il-Qorti giet dikjarata sitwazzjoni differenti mill-intimati; illi l-portata ta' dan kollu huwa car fis-sens illi li kien altrimenti fis-sens illi dan il-fatt seta' possibilment jitqies jew jinfluenza l-Qorti dwar jekk tismax jew le lill-Perit Yoemans; Jinghad illi l-"indipendenza" tal-Perit Keith Yoemans fil-kwistjoni, u cioe' li kien qieghed jara biss l-interess tas-socjeta' Porta Cottonera Limited kien fattur li kemm l-Onorabbli l-Ewwel Qorti u l-Onorabbli Qorti t'Appell raw bhala determinanti biex waslu biex jaghzlu bhala izjed attendibbli x-xhieda ta' l-istess Perit minn dik tal-*Quantity Surveyor* tas-socjeta' esponenti, li fil-fatt kien il-persuna li kejjel ix-xoghol in

kwistjoni u ghalhekk kien aktar pozizzjoni li jixhed fuq ix-xoghol li sar u dak li ma sarx ;

7. ILLI a skans ta' ripetizzjoni, l-utilita' ta' din il-procedura diga' gie spjegat fis-sens illi hija preordinata ghal domanda ta' ritrattazzjoni; il-falz jirrizulta illi fis-sens illi gie dikjarat quddiem l-Onorabbli Qorti t'Appell dak li mhux minnu.

GHALDAQSTANT L-ESPONENTI titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi (i) il-provi li tressqu fil-kawza Cit 1866/01 fl-ismijiet "Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited" irrizultaw frawdolenti, (ii) il-provi li tressqu fil-kawza Cit 1866/01 fl-ismijiet "Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited" irrizultaw foloz, u dan in vista tas-suespost. "

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikata mis-socjeta' attrici u d-dokumenti li ressqet li pproduciet.

**Rat** ir-risposta mahlufa tas-socjeta' konvenuta presentata fis-17 ta' April 2008 li tghid hekk –

" Illi din ir-risposta qed issir bil-premessa illi l-azzjoni promossa mill-kumpannija rikorrenti ma hijiex kawza ta' ritrattazzjoni u dan qed jinghad ghaliex ir-rikors promotur huwa konfuzjonali peress illi in parti jitratta dwar talba ghal dikjarazzjoni dwar allegati provi illi huma frawdolenti jew li jirrizultaw illi huma foloz u in parti titkellem dwar ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(1) u 818 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ukoll il-kumpannija esponenti tirrizerva illi taghmel eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz anki dwar kull talba illi talvolta tista' titqies illi saret ghal ritrattazzjoni ;

Illi abbazi ta' din il-premessa l-kumpannija esponenti teccepixxi bir-rispett :

(1) Illi in linea preliminari din l-azzjoni ma tistax tissussisti ghaliex jekk il-kumpannija rikorrenti hassitha aggravata mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza l-unika

via illi kellha skond il-ligi hija illi l-ewwel tappella mis-sentenza tal-Prim'Awla (kif fil-fatt diga' ghamlet) u jekk imbaghad jissussistu l-elementi rikjesti fil-ligi ghar-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811 *et sequitur* tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, titlob ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (u mhux f'din il-Qorti) fiz-zmien stipulat mil-ligi ;

(2) Illi ma tistax il-kumpannija rikorrenti ghaliex ma jissussistux l-elementi ghar-ritrattazzjoni tohloq jew tivvinta proceduri li bl-ebda mod ma huma kontemplati fil-ligi. Il-ligi ma tippermettix u dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tippermetti illi jsiru proceduri jew kawzi li ma humiex kontemplati fil-ligi meta ikun hemm ir-*res judicata* u meta jkun jidher bic-car illi l-iskop tal-azzjoni huwa biss sabiex jittawwlu l-proceduri u biex ir-rikorrenti tipprova tahrab mill-effetti ta' sentenza li hija *res judicata* kontra taghha. Altrimenti ser tinholoq sitwazzjoni fejn il-proceduri gudizzjarji ma jispiccaw qatt u l-gustizzja ma ssir qatt ;

(3) Illi in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mertu tar-rikors promotur jikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront tal-partijiet stante illi gja' gie trattat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell numru 1886/2001 datata 31 ta' Ottubru, 2006 kif jidher a fol. tlettax (13) u erbatax (14) ta' l-istess sentenza u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u ghandha tillibera lill-kumpannija esponenti mill-osservanza tal-gudizzju;

(4) Illi fil-mertu, kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell stess, ma huwiex minnu illi b'xi mod il-kumpannija esponenti ppruvat tahbi r-relazzjoni illi kellha mal-Perit Keith Yeomans fiz-zmien illi huwa xehed fil-kawza, anzi hija stess iddikjarat *tramite* l-avukat sottoskritt illi fiz-zmien illi l-istess Perit kien xehed fil-kawza *de quo* (bl-affidavit tieghu pprezentat f'Novembru 2002) huwa kien ghadu kif beda relazzjoni professjonali ma' Agius Stone Works Limited fis-sens illi kien ikun involut f'xi progetti ta' restawr illi jkollha din il-kumpannija. Illi dan il-fatt gie kkunsidrat fid-dettall mill-Qorti tal-Appell illi sahansitra qalet (a fol. 14) "*Il-fatt li dan (Perit Keith Yeomans) seta' kellu relazzjonijiet*

*ta' xoghol ma' socjeta' assocjata mas-socjeta' attrici ma ghandux jirrifletti hazin fuq il-gudizzju tieghu fil-kaz in ezami*" ;

(5) Illi dan il-fatt kien gja konfermat fis-27 ta' Frar, 2006 meta xehed Rosario Agius (illi huwa direttur tal-kumpannija esponenti) fil-kawza l-ohra msemmija fir-rikors tal-kumpannija rikorrenti *Agius Stone Works Limited vs AX Construction Limited* (Cit Nru 1887/2001GC) u qal hekk :
"Nikkonferma illi l-perit Keith Yeomans fiz-zmien illi saru x-xogholijiet ma kellu ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici jew mal-grupp ta' kumpanniji taghna. <u>Nikkonferma pero' li wara li sar dan ix-xoghol partikolari kien hemm xi xogholijiet li ahna qabbadnieh li jiehu hsieb</u>" (Dok AMW1) hawn anness ;

(6) Illi f'dan il-kuntest wiehed irid iqis illi x-xhieda tal-Perit Yeomans fil-kawza *Agius Stone Works Limited vs AX Construction Limited* (Cit Nru 1887/01) imsemmija fir-rikors promotur inghatat fis-16 ta' Novembru, 2007 fejn huwa tkellem <u>dwar ir-relazzjoni tieghu mal-kumpannija esponenti kif inhi prezentement</u> (cioe' f'dik id-data stess u mhux fiz-zmien meta huwa kien xehed fil-kawza originali) u mhux fis-sena 2002 meta xehed fil-kawza *de quo*. Ghaldaqstant, kontrarjament ghal dak illi qed tallega l-kumpannija rikorrenti x-xhieda tal-Perit Keith Yeomans f'Novembru, 2007 ma tistax titqies illi tirrendi falza jew inveritiera xhieda ohra dwar ir-relazzjoni tieghu mal-kumpannija Agius Stone Works Limited sitt snin ilu ;

(7) Illi minn dan kollu jirrizulta bic-car illi din il-kawza u t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma frivoli u vessatorji u huma ntizi biss sabiex l-istess kumpannija tkompli ttawwal il-proceduri u tipprova tahrab mill-effetti ta' sentenza konfermata fl-Appell illi l-kumpannija esponenti ottjeniet kontra taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-kumpannija rikorrenti u b'rizerva ghal imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma illi l-istess

kumpannija rikorrenti giet ikkundannata illi thallas lill-kumpannija esponenti skond is-sentenza tal-Appell tal-31 ta’ Ottubru, 2007.  Il-kumpannija rikorrenti hija ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni taghha.  ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’ konvenuta u d-dokumenti li ressqet kemm mar-risposta mahlufa kif ukoll permezz ta’ nota a fol. 40 et seq.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta’ April 2008 fejn tat zmien lis-socjeta’ konvenuta sabiex tipprezenta nota bl-osservazzjonijiet taghha dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha (fol. 27)

**Rat** in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (fol. 28 et seq) presentata fit-13 ta’ Mejju 2008 fejn ottemperat ruhha mad-digriet tat-22 ta’ April 2008.

**Rat** li f’dak l-istadju s-socjeta’ attrici ma pprezentatx nota responsiva skond kif indikat fid-digriet tat-22 ta’ April 2008.

**Rat** li b’digriet taghha tat-30 ta’ Mejju 2008 (fol. 34) din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Tiziana Filletti b’inkariku specifiku kif indikat fl-istess digriet, liema digriet baqa’ kif kien minkejja talba tas-socjeta’ konvenuta skond rikors taghha tat-22 ta’ Lulju 2008 sabiex il-Qorti tiddeciedi l-ewwel tliet eccezzjonijiet.

**Rat** in-nota tas-socjeta’ attrici presentata fit-23 ta’ Dicembru 2008 (fol. 71) fejn talbet ir-rikuza tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo peress illi kien iddecieda fil-Prim’Istanza l-mertu mpunjat.

**Rat** id-digriet tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo tad-9 ta’ Frar 2009 fejn astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza skond l-Art. 733 tal-Kap. 12.

**Rat** id-digriet tat-12 ta’ Frar 2009 (fol. 73) tal-Onor. Prim Imhallef fejn il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu 2009 (fol. 74) fejn laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta biex tressaq nota responsiva ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici a fol. 28 et seq.

**Rat** in-nota responsiva tas-socjeta' attrici presentata fit-13 ta' April 2009 (fol. 75 et seq).

**Semghet** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2009.

**Rat** id-digriet taghha tas-6 ta' Lulju 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat –**

Fl-ewwel eccezzjoni preliminari, is-socjeta' konvenuta fis-sostanza qed tghid li s-socjeta' attrici ma setghetx tintavola din il-kawza ghaliex l-unika procedura li seta' kellha sabiex timpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet biss ir-ritrattazzjoni tal-kawza fil-Qorti tal-Appell skond kif provdut fl-Art. 811 et seq tal-Kap. 12.

Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrci tghid li din taghha hija biss kawza dikjaratorja sabiex din il-Qorti (mhux il-Qorti tal-Appell) tghid li fl-ewwel lok il-provi li tressqu fil-kawza fl-ismijiet "*Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited*" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007 kienu frawdolenti, u fit-tieni lok li dawk l-istess provi kienu foloz.

**Ikkunsidrat –**

Dik tas-socjeta' attrici mhix kawza ta' ritrattazzjoni. Pero' hija kawza mirata sabiex din il-Qorti tiddikjara frawdolenti jew foloz (jew it-tnejn) provi li kienu l-mertu tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell sabiex jekk ikun hekk deciz is-socjeta' tmexxi bir-ritrattazzjoni vera u propja.

Ghalhekk sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar il-fondatezza guridika *o meno* tal-istanza attrici f'din il-kawza trid bilfors tqis dawk id-disposizzjonijiet tal-istitut tar-ritrattazzjoni li s-socjeta' attrici qed tinvoka in sostenn tal-istanza taghha.

Skond is-socjeta' attrici fil-kaz in ezami hemm lok ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell abbazi tal-**Art. 811(a) u (j) tal-Kap. 12.**

Il-paragrafu (a) ighid hekk –

*jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra.*

waqt li l-paragrafu (j) ighid hekk –

*jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk dikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kenitx taf b'dan il-fatt.*

Marbuta ma' dawn id-disposizzjonijiet hemm l-**Art. 818** li ighid li parti ghandha zmien tliet xhur biex timpunja s-sentenza *de qua* b'dan illi b'riferenza ghall-kaz odjern –

Relattivament ghall-paragrafu (a) it-tliet xhur jibdew ighoddu *mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq.*

Waqt li relattivament ghall-paragrafu (j) it-tliet xhur jibdew ighoddu, *jekk il-falsita' tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni.*

**Ikkunsidrat –**

Partikolarment ghall-istanza attrici, din il-Qorti tghid li l-ligi tittratta z-zewg paragrafi citati distintament u diversament.

Fil-kaz tal-paragrafu (a), il-ligi mhix tesigi bhala pregudizzjali li sabiex tibda tiskatta l-procedura tar-ritrattazzjoni, huwa mehtieg li Qorti tiddikjara li kien hemm qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra. Infatti fl-Art. 818(a), il-ligi tistabilixxi li z-zmien ta' tliet xhur ghar-ritrattazzjoni jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq. Issa huwa manifest anke mir-rikors mahluf li s-socjeta' attrici qed tghid li *kixfet* l-*allegat* qerq qabel kienet deciza l-kawza fl-ismijiet "*Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited*" mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007. U allura huwa evidenti ghal din il-Qorti li z-zmien tat-tliet xhur ghall-istanza tar-ritrattazzjoni kien diga' skada fid-data tal-presentata tar-rikors mahluf odjern.

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici u cioe' kif dik it-talba tirrelata ma' l-Art. 811(a) tal-Kap. 12.

Fil-kaz tal-paragrafu (j), l-istat tad-dritt huwa divers ghax id-dikjarazzjoni minn Qorti dwar il-falsita' ta' provi hija necessarja mhux biss ghax hekk jesigi l-istess paragrafu (j) izda ghax mill-gurnata li ssir dik id-dikjarazzjoni (skond il-kaz) jibda jiskatta t-terminu ta' tliet xhur ghall-istanza ta' impunjazzjoni. Dan isib sostenn fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna pero' *b'riserva*.

Din il-Qorti tghid *b'riserva* wara li qieset dak li kien deciz mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju 2005 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et**".

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici ccitat *in extenso* mis-sentenza f'dik il-kawza kif kienet pronunzjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 2003 (mhux fil-15 ta' Ottubru 2000 kif erroneament indikat fin-nota attrici) izda d-direzzjoni ghal pronunzjamenti futuri giet traccjata fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell f'dik l-istess kawza meta l-Qorti qalet hekk –

" L-unika talba maghmula fic-citazzjoni hija wahda dikjaratorja: l-attur talab dikjarazzjoni li x-xiehda moghtija minn Raymond Azzopardi fil-proceduri precedenti fl-

ismijiet inversi hija falza u inveritiera. Fic-citazzjoni tieghu, l-appellant jistqarr ukoll illi l-kawza odjerna hija preordinata ghall-gudizzju ta' ritrattazzjoni, *stante* li jekk jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li x-xhieda ta' Raymond Azzopardi fil-proceduri fl-ismijiet inversi hija falza, din iddikjarazzjoni tkun tikkostitwixxi motiv ghall-possibli ritrattazzjoni tal-kawza, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 811(j) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, li jippreskrivi illi tista' tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza:

*"Jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kenitx taf b'dan il-fatt."*

Kif il-Qorti ta' l-Appell irriteniet fis-sentenza ***Darmenia vs. L-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier***, deciza fit-18 ta' Frar 1966: *"(F)is-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avvolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhux ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma nghatax."* Dan il-principju gie diversi drabi ribadit mill-Qrati Maltin.

Konsegwentement, id-dikjarazzjoni li talab l-attur appellant fic-citazzjoni tieghu tista' tigi kkunsidrata biss jekk il-Qorti tkun perswaza li jekk jottjeni din id-dikjarazzjoni, tali dikjarazzjoni tkun tista' tifforma l-bazi ghal proceduri ohra, cioe` ghal proceduri ta' ritrattazzjoni. (sottolinear ta' din il-Qorti)

Kif inhuwa risaput biex wiehed jigi ammess li jistitwixxi azzjoni, preordinata ghal ohra jew le, ghandu jkollu interess guridiku u l-interess jiddelinea l-limiti ta' l-azzjoni. Jekk attwalment jigi stabbilit li dak l-interess ma jezistix ghaliex -- nonostante li l-fatti allegati fic-citazzjoni jistghu, ghall-grazzja ta' l-argument, jirrizultaw ezatti -- il-bieb tar-ritrattazzjoni jinsab maghluq, ghal xi raguni jew ohra, allura jkun hemm ostaklu ghall-prosegwiment tal-kawza.

Ghalhekk, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti imxiet sewwa meta l-ewwel u qabel kollox ezaminat jekk fil-kaz odjern kenitx tissussisti raguni valida ghal ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv ta' provi foloz. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti agixxiet *ultra petita*, u konsegwentement dana l-aggravju qed jigi respint. "

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi hekk –**

**1) Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fejn din tirrigwarda l-ewwel talba attrici kif dedotta u konsegwentement tichad dik l-ewwel talba bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.**

**2) Tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni talba attrici kif dedotta wara li tisma' l-provi tal-partijiet kemm dwar dik it-talba, kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet <u>kollha</u> tas-socjeta' konvenuta, inkluzi dawk fil-mertu. L-ispejjes dwar din it-tieni talba jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Il-Qorti tiddiferixxi l-kawza ghall-provi <u>kollha</u> tal-partijiet dwar it-tieni talba ghall-udjenza ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2009 fil-11:30am.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------